**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**
**(Av. Darlene Grima)**
**(Spettur Dorianne Tabone)**
**(Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 108/2022**

**Illum, tmintax (18) ta' Gunju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- detentur tal-karta tal-identità numru 0022801(L)** akkuzat talli:

**B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'dawn il-gzejjer, u/jew, gewwa numru ghaxra (10), Triq Isuoard, il--Omissis-, bejn is-sena elfejn u disgha (2009) u s-sena elfejn u tnax (2012):-**

1. **B'ghemil zieni, ikkorrompa persuni ta' taht l-eta', u cioe' lil -Omissis- imwielda nhar -Omissis- u lil -Omissis- imwielda nhar -Omissis-, liema delitt sar bi hsara ta' persuni li ma ghalqux l-eta' ta' tnax (12)-il sena, kif ukoll l-istess delitt sar minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikunu gew fdati l-minuri sabiex jiehu hsiebhom, jedukahom, jghallimhom, jindukrahom jew izommhom;**

2. **Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni ta' taht l-eta', u cioe' ma' -Omissis- imwielda nhar -Omissis- u ma' -Omissis- imwielda nhar -Omissis-, li huma persuni vulnerabbli fi hdan it-tifsira tas-subartikolu (2) tal-artikolu 208AC tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u**

**cioe' persuni ta' taht il-hmistax (15) il-sena, kif ukoll l-istess delitt sar minn persuna li fiz-zmien tar-reat kien jghix ma', jew huwa membru tal-familja tal-vittmi;**

3. **Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement gieghelt, ghal skopijiet sesswali, persuni ta' taht l-eta' sabiex ikunu prezenti waqt abbuz sesswali jew attivitajiet sesswali, ukoll jekk dawk il-persuni ma jaslux biex ikunu mgieghla jiehdu sehem fl-attivitajiet, u cioe' lil -Omissis- imwielda nhar -Omissis- u lil -Omissis- imwielda nhar -Omissis-, li huma persuni vulnerabbli fi hdan it-tifsira tas-subartikolu (2) tal-artikolu 208AC tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' persuni ta' taht il-hmistax (15) il-sena, kif ukoll l-istess delitt sar minn persuna li fiz-zmien tar-reat kien jghix ma', jew huwa membru tal-familja tal-vittmi;**
4. **Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement gieghel, ghal skopijiet sesswali, persuni ta' taht l-eta' sabiex jippartecipaw f'imgieba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluz permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, u cioe' lil -Omissis- imwielda nhar -Omissis- u lil -Omissis-**

**imwielda nhar -Omissis-, li huma persuni vulnerabbli fi hdan it-tifsira tas-subartikolu (2) tal-artikolu 208AC tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' persuni ta' taht il-hmistax (15) il-sena, kif ukoll l-istess delitt sar minn persuna li fiz-zmien tar-reat kien jghix ma', jew huwa membru tal-familja tal-vittmi.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna li s-sentenza tigi notifikata lir-Registratur hekk kif kontemplat fl-artikolu 6(2) tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta tal-minuri msemmija kif ukoll ghal familjari taghha.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' trattament ai termini tal-artiklu 412D tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.**

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu, 2023 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 203(1)(a)(c)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 204C(1)[2], 208AC(1)(b)(e) u 208AC(2)(a)[3]tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 204D(1)(b)[4], 208AC(1)(b)(e) u 208AC(2)(a)[5] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi XXIII. 2017.7 u emendi sussegwenti;
[2] Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi IV.2014.8 u emendi sussegwenti;
[3] Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi IV.2014.14 u emendi sussegwenti, b'dana li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda LXIV. 2021.17 fir-rigward taz-zieda bi grad/i ghac-cirkostanzi aggravanti;
[4] Inkwantu ghaz-zmien bejn l-elfejn u ghaxra (2010) u l-elfejn u tnax (2012), u cioe' meta dahal fis-sehh l-artikolu permezz ta' VII.2010.9 u qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi IV.2014.9;
[5] Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi IV.2014.14 u emendi sussegwenti, b'dana li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda LXIV. 2021.17 fir-rigward taz-zieda bi grad/i ghac-cirkostanzi aggravanti;

4. Fl-artikolu 204D(1)(c)[6], 208AC(1)(b)(e) u 208AC(2)(a)[7i] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 18, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-Qorti bdiet il-proceduri billi semghet ix-xhieda tal-minuri -Omissis- u -Omissis- permezz tas-sistema awdjoviziva fejn **-Omissis-** li dakinhar li nghatat ix-xhieda kellha sbatax (17)-il sena u tghid illi l-grajja tal-qassisin f'Ghawdex li kienu abbuzaw xi tfal heggitha sabiex titkellem anke permezz ta' ghajnuna ta' habiba taghha. Tghid illi dak li gara kien li hi u ohtha kienu jkunu ghand in-nanna -Omissis- wara l-iskola u l-imputat; li kien ikun fit-

[6] Inkwantu ghaz-zmien bejn l-elfejn u ghaxra (2010) u l-elfejn u tnax (2012), u cioe' meta dahal fis-sehh l-artikolu permezz ta' VII.2010.9 u qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi IV.2014.9;
[7] Qabel ma dahlu fis-sehh l-emendiIV.2014.14 u emendi sussegwenti, b'dana li ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-emenda LXIV.2021.17 fir-rigward taz-zieda bi grad/i ghac-cirkostanzi aggravanti;

tielet kamra ta' zijitha peress li hu kien l-gharus taghha; kien jghajtilha biex toqghod hdejh u jsaqsiha jekk iridx jaqralha xi storja u kien itiha l-helu (Quality Street). Dan imbaghad kien jghidilha li biex jaghmel hekk riedet "tfawwarhielu" u kien juriha kif u gieli kien jirnexxilha u gieli le, dan billi kien ipoggilha rasha fuq il-parti tieghu. Tghid illi meta kienu jigru dawn l-affarijiet hija kellha hames (5) snin u ohtha erba' (4) snin[8] u cioè mis-sena elfejn u disgha (2009) sal-elfejn u tnax (2012).

Tghid illi dawn l-affarijiet waqfu meta l-imputat u zijitha ma baqghux flimkien u dan kien qisu s-sena 2012 u tiftakar ghax kien iz-zmien meta zijitha l-ohra kienet izzewget. Tghid ukoll illi dawn l-affarijiet kienu jigru ta' spiss u f'hinijiet ta' bejn tispicca l-iskola sal-hin li jmur ghalihom missierhom wara x-xoghol.

Il-minuri tghid ukoll illi apparti dawn l-atti l-imputat kien ipprova jdahhal il-parti tieghu fil-parti anali taghha izda meta ra li hi kienet ser tghajjat huwa waqaf. Bhala perjodu din tghid illi kien wara li beda jsaqsiha taghmel dawk l-atti ta' qabel li "tfawwarhielu". Hija tikkonferma li waqt li kienu qeghdin isiru dawn l-affarijiet kien ikun hemm in-nanna u ommha d-dar tan-nanna li dawn kienu jkunu dejjem fil-

[8] Sena 2009.

kcina li hija l-ahhar kamra. Tghid illi darba minnhom ohtha kienet ghaddejja mill-kuritur u rathom, u hi tghid li ghajtitilha u dahlet fil-kredu hi wkoll wara li l-imputat offrielha l-helu biex ma tghid xejn. Tghid illi minn dakinhar bdew jaghmlu dak il-gest li "tfawwarhielu" darba hi u darba ohtha. Tghid ukoll illi xi drabi kien jurihom cartoons u drabi ohra kien jurihom il-porn minn fuq il-mobile phone tieghu. Hija tghid illi ghandha vizjoni ta' xena minnhom izda tista' tirrakkontaha.

Ix-xhud tkompli tirrakkonta illi waqt dawn l-atti l-imputat kien ikun bilqeghda fuq is-sodda t'isfel, peress li f'din il-kamra hemm bunk beds, u hi u ohtha kienu joqghodu bilwieqfa quddiemu. Fuq lil min qalet l-ewwel b'din l-istorja hija tghid:

> *"Kont tkellimt ma' habibti fill-Form I ghax bdiet tghidli, ghax jiena habba f'hekk ghandi xeba ansjeta' u mental health issues u allura darba minnhom konna l-iskola u mort isakkart fit-toilet u habibti indunat li domt hafna u giet thabbatli. U ma ftahtilhiex mal-ewwel u imbaghad meta ftahtilha ratli ghajnejja homor nar u qaltli xi gralek? U ghidtilha, ghidtilha. M'ghidtilhiex mil-ewwel e gifieri*

*ghidtilha xejn u hekk, imbaghad giet ghalina ommha u m'ghidtilhiex dakinhar ukoll lanqas. . . . .*

*U mbaghad darba minnhom giet ghalina ommha u bdew isaqsuni msomma ghalxiex bdejt nibki u hekk. U ghidtilhom jiena. U huma bdew jghiduli tkellem u hekk u jien bdejt nghidilhom le. U ommha bdiet tghidli ghid lil ommok, ghid lil ommok, ghid lil ommok. Le ma rridx bdejt nghidilha. Ghidtilha ara ma tghidu lil hadd intom igifieri. Il-bqija lil hadd iktar."*

Illi din il-habiba taghha tghid li jisimha -Omissis-. Tghid illi hija baqghet ittella' u tnizzel jekk ghandhiex tghid lil ommha u missierha izda kien biss wara li semghet bl-ahbar ta' dawk il-qassisin li kienu kkommettew abbuz fuq xi tfal li staqsiet lil ohtha u din kienet qaltilha li kienet ilha tghidilha biex jirrakkontaw kollox u b'hekk qalu kollox lil ommhom dakinhar.

Fuq il-karattru tal-imputat ix-xhud tiddeskrivih bhala persuna "creepy" izda persuna li kien ilu prezenti f'hajjitha minn mindu twieldet.

Inkontroezami l-minuri ziedet illi darba minnhom wara li kien lesta u egakula fuqu, tella' l-qalziet malajr u mar jigri fil-kamra tal-banju. Hija dan l-incident baqghet tiftakru sew izda affarijiet ohra bhal perezempju dettalji zghar ma tiftakarhomx ghax kien ghadda certu zmien. Tghid ukoll illi wara li jmur fil-kamra tal-banju kien jerga' jmur hdejha u jtiha l-helu.

Bhala hinijiet ziedet tghid illi wara l-iskola li kienet tispicca dak iz-zmien xi n-nofsiegha ta' wara nofsinhar, hi u ohtha kienu jmorru ghand in-nanna fejn hemmhekk jieklu u joqghodu hemm sakemm ma jigi missierhom f'xi s-sebgha ta' filghaxija (19:00hrs). Setghet tikkonferma wkoll illi dawn l-affarijiet ma kinux jigru ezatt wara li tasal mill-iskola izda xi ftit tal-hin wara izda bhala certezza tal-hinijiet din ma setghetx tikkonferma izda li setghet tikkonferma wkoll kien li l-imputat dak iz-zmien kien jorqod ghand in-nanna wkoll izda li z-zija taghha -Omissis- li kienet gharusa lill-imputat kellha hinijiet strambi ghaliex kienet taghmel diversi xoghlijiet.

Fuq domanda ohra jekk il-familjari taghha qatt indunawx b'xi haga hija tghid illi kien ikun hemm xi drabi fejn xi hadd minnhom jghaddi mill-kuritur izda l-imputat kien

ikun pront jghatti l-parti tieghu bil-lizar jew b'xi mhadda u ghalhekk dawn qatt ma ntebhu b'xejn.

Tghid ukoll illi ghalkemm dawn l-atti graw fuq medda ta' tliet (3) snin ma kinux jigru kuljum certament mhux is-Sibt u l-Hadd ghaliex f'dawn il-granet ma kinux imorru ghand in-nanna peress li ma kinux imorru skola f'dawn il-granet. Tghid ukoll illi fl-ahhar perjodu hija ma kinitx tghaddi ta' spiss mill-kurutur ghax kienet tibza'.

Ikkonfermat ukoll illi qabel maz-zija taghha telqet lil -Omissis- hija kienet tghajjat mieghu u x-xhud dak iz-zmien kienet tahseb li din kienet tghajjat mieghu ghaliex intebhet bl-atti li kien ghamlilha. Fuq il-kwistjoni li kien juriha l-vidjows pornografici din ikkonfermat illi ghalkemm il-mobajl tal-imputat ma kienx smartphone dan b'xi mod kien ikollu dawn il-vidjows issejvjati u kienu jkunu bil-kulur li kien jurihomlha mhux b'mod frekwenti.

Ikkonfermat ukoll illi minhabba dawn il-grajjiet hija kellha problemi psikologici li bdew mill-Year 5 tal-iskola, tant li kellha tirrikorri ghand psikjatra li kien jisimha Donatella Agius li wara però nbidlet u ssemmi wahda li jisimha Sarah. Fuq din il-kwistjoni l-minuri tghid hekk:

*“. . . Jekk mhux sejra zball Year 5 bdew hergin hekk. Imbaghad tipo il-Mummy ma kienitx taf minn fejn gejjin, allura l-Mummy kienet tiehodni l-isptar l-emergenza u hekk u kienu jghiduli li m’ghandi xejn. Imbaghad kif qisu bdew jiggravaw maz-zmien u jidhlu, bdew dehlin il-palpitations u affarijiet hekk qaluli li ansjeta’. Minn hemmhekk tipo ma bqajtx immur l-isptar u hekk. Imbaghad bdejt niggrava aktar, ituni l-hass hazinijiet u hekk u regghet haditni biex jiehduli test tad-demm. Haduli test tad-demm imsomma u qabduni ma’ din is-psychiatrist biex itini xi medicini, biex jghinuni fuq l-ansjeta’ u hekk u bqajna hekk”.*

Finalment ikkonfermat illi meta kien jaqralhom xi storja dawn kienu jkunu minn fuq xi ktieb li kien ikun fil-cupboard li kien hemm faccata tal-kamra, storja minnhom tiftakar li kienet ta’ *Snowwhite* u ohra *Twilight*.

Semghet ukoll il-minuri **-Omissis-** bl-istess sistema li hija tigi oht -Omissis- u li twieldet -Omissis-. Tghid illi l-ewwel darba li kellha dawn it-tip ta’ incidenti kien is-Sajf bejn is-sena 2009 u 2010 u darba minnhom ghand in-nanna, kienet fil-kuritur u rat lil ohtha -Omissis- quddiem -Omissis- li kien bil-parti tieghu barra u ohtha kienet qed

izzommha f'idejha. Tghid illi meta ra hekk dan ghajtilha u taha helwa biex ma tghidx lil ommha u qallha biex taghmel l-istess bhal ma kienet qed taghmel ohtha u hekk ghamlet. Testwalment tghid illi *"qalli nzommha f'idejja u ndahhalha f'halqi u niqba sejra".* Tghid illi fuqha graw anqas milli kien jaghmel lil ohtha. Ikkonfermat ukoll illi lilha kien juriha l-porn fuq il-mobile u mbaghad kien jghidilha biex taghmel l-istess. Hi tghid illi kienet tibqa' hemm ghaliex inkella ma kienx itiha helu. Hija kkonfermat illi l-imputat kien jghidilha biex l-ewwel taghmel b'idejha mbaghad biex iddahhalha f'halqha u kien izomm imhadda jew lizar hdejh sabiex jekk jghaddi xi hadd dan jghatti l-parti tieghu. Dan kien jigri anke meta kienu jkunu hi u ohtha biex l-ewwel tibda ohtha u mbaghad tkompli hi. Tghid illi l-imputat kien ikun fuq is-sodda u hi u ohtha kienu jkunu bilwieqfa quddiemu. A rigward fejn kien jegakula din tghid illi dan dejjem egakula fuqu fejn darba minnhom kien sejjer jitnaddaf fil-kamra tal-banju u ghaddiet in-nanna u ghal ftit ma kinitx ser taqbdu. Tiftakar però li hu kien ikun liebes il-hwejjeg tax-xoghol peress li huma bhal ta' missierha u tiddeskrivi l-qalziet bhala wiehed bil-bwiet fil-genb u flokk abjad. A rigward l-incident fuq ohtha meta kien ser idahhlilha l-parti tieghu hi tghid:

*"Rajtu jnezzalha l-qalziet u kien se jdahhalulha imma ohti bdiet twerzaq. L-ewwel beda jghidilha li ha jtiha l-helu u bdiet toqghod kwieta imma hi ma ridietx u baqghet twerzaq allura rega' tellghala l-qalziet u nizzilha hdejja bilwieqfa".*

Hi kkoregiet lilha nnifisha u tghid illi ohtha kienet ser tghajjat izda din ma lahqitx ghajtet. Tiftakar li dakinhar ohtha kienet liebsa qalziet twil.

Fuq meta rrapurtaw tghid illi darba minnhom kienet fil-kamra tal-banju wara li nhaslet u dahlet hdejha ohtha -Omissis- u semmitilha dik li kienet semghet fuq l-ahbarijiet tal-qassisin t'Ghawdex li kienu abbuzaw minn xi tfal u minn hemm iddecidew li jghidu lil ommhom li din ghall-ewwel hasbet li kienet xi cajta izda wara li rathom li kienu qeghdin jibku hija hadithom bis-serjetà. Minn hemm ommhom qalet lil missierhom li rrabja u ried icempel lill-imputat izda peress li ma kellhomx numru tieghu cemplu liz-zija -Omissis- li din tahthom in-numru tieghu u missierha cempillu u beda jghajjat mieghu. Fuq domanda jekk kinitx taf ghalxiex -Omissis- u l-imputat ma kinux ghadhom flimkien, hija tghid illi ma kinitx certa imma taf li z-zija kienet iddejjqet u bdiet thallih ghand in-nanna u

tohrog mal-hbieb taghha fejn imbaghad kienet bdiet tohrog ma' persuna ohra.

Inkontroezami hija tghid illi fil-bidu tax-xhieda taghha hija specifikat is-snin li kienu jigru dawn l-affarijiet ghaliex fis-sena 2009 hija kellha erba' (4) jew hames (5) snin u fis-sena 2012 kien meta telaq u meta twieldet ohtha z-zghira. Tikkonferma illi -Omissis- mhux as such kien jghix ghand in-nanna imma kien ikun ta' spiss hemm u kien jorqod hemm xi kultant. Tghid illi l-kamra fejn saru l-allegazzjonijiet hija komposta minn zewg bunk beds li wahda kienet taz-zija -Omissis- u l-ohra kienet taz-zija -Omissis- izda meta beda jiffrekwenta d-dar tan-nanna l-imputat -Omissis- kienet digà marret tghix xi mkien iehor. Ikkonfermat ukoll illi meta kienu jsiru dawn il-fatti, qatt ma kienu jkunu huma u l-imputat wehidhom izda fid-dar dejjem kien ikun hemm xi hadd. Hi tghid ukoll illi dak iz-zmien hija ma kinitx tirrealizza li dak li kien isir kien xi haga hazina, hija biss kien jinteressaha li kien ser itiha l-helu u xejn aktar. Hi ddeskriviet l-ewwel darba li rat l-affarijiet isiru bejn l-imputat u ohtha u tghid:

> *"Is-sodod qeghdin, il-bunk bed, imbaghad hawnhekk hawn il-kuritur u hemmhekk hemm is-sodda tan-nanna. M'hemm hadd bejniethom*

*sewwa? U hawnhekk hawn hajt u hawn il-kamra tal-banju. Jiena kont ghaddejja minn hawnhekk u waqaft ezatti fil-koxxa tal-ma nafx n'jghidula dik, ta' bejn il-hajt tal-kamra tal-banju u tal-kamra tal-bunk beds. Jien waqaft hemmhekk. Hu meta kien jorqod, hu dejjem kien jorqod imsomma duq is-sodda, rasu dejjem kienet tkun thares lejn din in-naha mhux in-naha ta' barra."*

Hija tghid illi l-imputat ma ntebahx biha meta kienet f'dan il-punt allura bilfors intebhet biha ohtha u mbaghad l-imputat pespsilha biex tmur hdejh li nel frattemp waqfu minn dak li kienu qeghdin jaghmlu. Meta marret hdejhom *"l-ewwel tani l-helwa u qalli jekk ma tghidx lill-Mummy intik ohra u imsomma u jiena bqajt hemmhekk. Ma nafx x'gara ezatti wara imma naf li kien pespisli tani l-helwa u qalli jekk ma tghidx lill-Mummy intik ohra. Ma kontx ghidt lill-Mummy u tani ohra."* Il-helwa kienet wahda mdawra bil-plastik u li thaxwex. Hi tghid illi dawn l-affarijiet graw lilha dejjem fil-prezenza ta' ohtha u qatt wehidha. Tghid illi hija rrealizzat li dawn l-affarijiet kienu hziena meta waslet Year 6 jew Form 1 tal-iskola. Tghid illi minn hemmhekk kienet tipprova tghidilha lil ohtha sabiex jitkellmu izda hija kienet dejjem tibghatha 'l hemm u ghalhekk ghamlet zmien kienet qatghet qalbha u waqfet hemm.

Tghid illi l-familja taghha meta saret taf b'dak kollu li gara min baqa' ccassat u min jibki bhaz-zija taghha -Omissis- u missierha kien irrabjat hafna.

Fuq domanda ohra inkontroezami hija tghid illi meta hi u ohtha kienu jmorru d-dar tan-nanna mill-iskola huma kienu jsibu lil -Omissis- hemmhekk. Hija kienet konxja tal-fatt illi z-zija taghha -Omissis- u l-imputat kienu xtraw post -Omissis- izda dawn ma kinux ghadhom jghixu go fih.

Xehdet ukoll il-psikologa **Gail Kinmont** li tahdem fi hdan id-Direttorat tal-Harsien tat-Tfal u l-inkarigu taghha kien sabiex tassisti lill-pulizija tal-Iskwadra kontra l-Vizzji sabiex jintervistaw liz-zewg minuri b'mod separat. Hi kkonfermat dak kollu li xehdu l-minuri bil-gurament fil-Qorti.

Rat li gie pprezentat il-*proces verbal* [9]redatt mill-Magistrat Josette Demicoli li wara li gie pprezentat ufficjalment u gew ikkonfermati l-esperti nominati f'dik l-inkjesta.

[9] Numru 591/2021.

Rat ir-rapport tal-esperti fl-inkjesta u cioè Dr Joseph Cassar bhala psikjatra u Dr Carmen Sammut bhala psikologa tat-tfal[10] fejn saru diversi konsiderazzjonijiet peritali:

*"Wara li hadna konjizzjoni tal-allegazzjonijiet u ezaminajna liz-zewg minuri darbtejn u t-tieni darba taht gurament ghandna pjacir naghmlu dawn il-konsiderazzjonijiet:*

1. *Iz-zewg minuri -Omissis- u -Omissis- ma jbatux minn xi stat ta' psikozi b'deluzjonijiet;*
2. *L-istorja taz-zewg minuri dejjem kienet konsistenti u it-tnejn cahdu xi indhil minn terzi jew xi forma ta' kumpens biex jghidu l-istorja;*
3. *Ghalkemm iz-zewg minuri it-tnejn jidhru 'numb' ghal dak li gara, dan ma jfissirx li l-abbuz ma setghax sehh u dan ghaliex huwa maghruf sew li diversi persuni jistghu ikunu f'dan l-istat wara abbuz;*
4. *Hemm zewg konsiderazzjonijiet li l-periti jixtiequ jaghmlu:*
   a. *L-izvilupp morali tat-tfal huwa*
      *Stage 1 (Pre Conventional)*
      - *Obedience and punishment orientation (How can I avoid punishment?)*

[10] Folio 125 et seq.

- *Self-interest orientation (What's in it for me? Aiming at a reward)*

*Stage 2 (Conventional)*

- *Interpersonal accord and conformity (Social norms, good boy – good girl attitude)*
- *Authority and social-order maintaining orientation (Law and order morality)*

*Stage 3 (Post-Conventional)*

- *Social contact orientation (Justice and the spirit of the law)*
- *Universal ethical principles (Principled conscience)*

  *Li jfisser li bejn 4 u 6 snin*

  *. differentiate between good behaviour and bad behaviour*

  *. create friendship with other kids*

  *. make a comparison between himself and the rest*

  *. try to understand other's feelings*

  *. enjoy an imaginative game which is a bit dramatic with other kids*

  *. like to involve in competitive games*

  *. try to lead a group of friends while playing*

*. cooperate with other people*

*. follow instructions correctly*

*. show interest in creative drawing*

*. . . .*

*Dan ifisser li suppost fl-eta' li sar l-abbuz iz-zewg it-tfal kellhom ikollhom gharfien li dak li qed jaghmlu kien hazin*

*b. L-esperti ma jistghux jifhmu kif fid-dar in kwistjoni li ma kienx fiha bibien u li fiha kien hemm minimu ta' 4 adulti ohra barra l-allegat aggressur, hadd qatt ma ghadda b'kumbinazzjoni u nduna b'dak li kien qed jigri."*

**-Omissis-** irrakkontat bil-gurament illi fis-sena elfejn wiehed u ghoxrin (2021) cemplitilha ohtha -Omissis- fejn qaltilha li -Omissis- kien messilha t-tfal. Hija tghid illi meta saret taf b'hekk hija marret ghandhom u baqghu sejrin jaghmlu rapport. Hija kkonfermat li hi u -Omissis- ghamlu xi zmien jghixu ma' ommha l--Omissis- sabiex ifaddlu peress li kienu qeghdin jixtru post. Hija tghid illi -Omissis- kien imur id-dar t'ommha wara x-xoghol xi l-erbgha ta'

wara nofsinhar (16:00hrs) u xi daqqiet hija kienet tkun hemm fejn din kienet issajjarlu u xi kultant kienet tkun ix-xoghol. Hija tikkonferma li fit-tmien (8) snin li din kienet ilha mal-imputat hija qatt ma rat ghajn hazina minnu la ingenerali u lanqas versu t-tfal.

**-Omissis-** li tigi z-zija l-ohra tal-minuri kkonfermat li hija telqet mid-dar fis-sena elfejn u ghaxra (2010) ghaliex kienet izzewget. Tghid illi l-imputat kien jghix fid-dar t'ommha ghal xi sena. Tghid illi peress illi kienet tahdem bix-xifts ftit li xejn kienet tqatta' hin id-dar.

Semghet lil **Savio Borg** sabiex jixhed fuq ir-registru elettorali senjatament fuq l-indirizzi tal-imputat mill-elfejn u tnejn (2002) sal-elfejn tnejn u ghoxrin (2022) u pprezenta dokument (Dok. SB1) li juri l-indirizzi tal-imputat tul iz-zmien fejn jidher illi l-imputat kellu minn April elfejn u sitta (2006) sa April elfejn u sebgha (2007) il--Omissis- kif ukoll minn Ottubru elfejn u ghaxra (2010) sa Ottubru elfejn u hdax (2011) il--Omissis- wkoll fl-indirizz ta' -Omissis-.

Xehdu wkoll in-nanniet materni tal-minuri u cioè **-Omissis-** u **-Omissis-** li min-naha taghhom huma kkonfermaw li

kienu jkunu d-dar meta dawn l-allegazzjonijiet kienu jigru izda illi ma setghu jghidu xejn ghax qatt ma raw xejn.

Semghet lil **Dorianne Azzopardi** li kienet therapeutic deputy leader fi hdan il-Victim Support Unit bhala social worker fejn spjegat x'kienu rrakkuntawlha l-minuri -Omissis- u -Omissis-. Tghid illi -Omissis- bdiet tesperjenza blackouts minn mindu kellha disa' (9) snin u ma kinitx taf x'kienu r-rizultati ta' dawn. Tghid illi ommha kienet haditha biex taghmel xi testijiet izda dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv. Tghid illi wara ma baqghetx issegwiha u hadietha f'idejha xi terapista ohra li ppreskrivitilha xi pirmli ghal panic attacks.

**Maria Muscat** li hija din it-terapista kkonfermat illi -Omissis- tipprezenta sintomi ta' ansjetà, hafna rabja, overthinking u tghid illi ghadha tahdem maghha sabiex dawn is-sintomi telibhom.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-ritratti mehudin mill-ufficjal prosekutur l-**Ispettur Dorianne Tabone** waqt access mizmum minn din il-Qorti fil-propjetà -Omissis- li juru l-ambjent ta' dan il-post kif ukoll kif inhuma mqassmin il-kmamar ta' fejn sar l-allegat reat.[11]

[11] Dok. DT4 – folio 457 sa 463.

Semghet ix-xhieda in sostenn tad-difiza partikolarment dawk relatati max-xoghol li kien jaghmel l-imputat fil-perjodu meta sehhew l-allegat reati.

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi -Omissis- qed jigi akkuzat bl-akkuza ta' korruzzjoni ta' minorenni aggravat sancit bl-Artikolu 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qabel l-emenda b'Att XXIII tal-2017, dan l-Artikolu jghid is-segwenti:

> *"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:".*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat: *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the*

*presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni. *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."* Il-Professur Mamo ikompli jghid li *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*. Isostni wkoll illi: "*to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l-

atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

Fl-ahhar nett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri ikun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

*"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is*

> *something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi l-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (Cass. pen. n. 3196/2009) dahlet f'din id-definizzjoni fejn qalet is-segwenti:-

> *"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore sessuale, ma è posta in essere anche in modo da coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato)."*

Illi finalment fuq dan il-punt il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana (**Cass. pen. n. 44681/2005 – 7/12/2005)** ikkummentat fis-sens illi:

> *"Il bene giuridico tutelato nel delitto di corruzione di minorenni consiste nella salvaguardia di un sereno sviluppo psichico della sfera sessuale di soggetti di età minore, che non deve essere turbato dal trauma che può derivare dall'assistere ad atti sessuali compiuti con ostentazione da altri."*

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi l-imputat -Omissis- huwa wkoll akkuzat bir-reat ta' attivitajiet sesswali ma' minorenni sancit bl-Artikolu 204C(1) li f'dak il-perjodu li sehhew l-allegat fatti kien jghid is-segwenti:

> *"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija sa sentejn . . . ."*

Illi l-imputat ghandu wkoll addebitat lilu r-reati sanciti mill-Artikolu 204D(1) tal-Kapitolu 9 li huma reati minuri u li

stante dak li ser jinghad aktar tard f'din is-sentenza din il-Qorti mhix ser tidhol f'analizi taghhom.

## Ikkunsidrat

Illi ghalkemm l-imputat huwa akkuzat b'reati koroh u serji din il-Qorti ma ghandhiex il-konvinzjoni morali u legali tal-veracità tal-istorja tal-minuri -Omissis- u -Omissis-.

Illi ghalkemm l-imputat ezercita d-dritt tieghu illi ma jixhidx f'dawn il-proceduri però l-Qorti kellha l-okkazjoni li tanalizza sewwa dak li ntqal minnu fl-istqarrija tieghu kif ukoll li tesperjenza t-testimonjanzi tal-minuri. Il-Qorti kellha wkoll l-okkazjoni li tivverifika *di persona* l-ambjent fejn dawn l-allegat fatti saru.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti ghall-ahhar. Din tal-imputat li jghid li huwa kien imdejjaq jghix fir-residenza tal-genituri tal-gharusa tieghu minhabba d-daqs ta' din id-dar kif ukoll li hemmhekk ma kellux l-ebda privatezza u sahansitra kien ikun hemm hafna storbju minhabba dawn it-tfal. Illi ghalhekk jghid illi ta' sikwit hu kien itihom xi helu biex jehles minnhom.

Illi mill-banda l-oħra hemm il-verżjoni tal-minuri li jagħtu verżjoni kompletament differenti fejn l-imputat kien allegatament jikkommetti atti spreġjevoli fil-konfront tagħhom u dawn l-atti kienu jsiru f'kamra li ma kellha l-ebda privatezza u l-anqas bieb u li kienet fin-nofs ta' kuritur minn fejn ħafna nies setgħu jgħaddu. Dawn l-allegati atti kienu wkoll isiru skont it-tfal meta fid-dar ta' pjan wieħed kien ikun hemm preżenti n-nannu, in-nanna, ommhom u xi daqqiet iz-zija tagħhom -Omissis-.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi oramaj huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi għandu jwassal għal-liberatorja tal-imputat għaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem tagħhom u tasal għall-konklużjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawżi meta jkollok verżjoni ta' minorenni versu verżjoni ta' persuni oħra.

Illi huwa prinċipju bażilari wkoll li r-reità tal-imputat trid tiġi ppruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda

ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:-

> *"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri*

*hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u liehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u lattendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina ddettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din ilvertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** [12] fejn gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

[12] QA Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997.

Ukoll fil-kawza **<u>Pulizija vs. Joseph Thorn</u>** [13]**,** il-Qorti qalet:

> "**...** *mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx*"

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>** [14] inghad is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda*

[13] (QA Kriminali - deciza 9 ta' Lulju 2003.
[14] QA Kriminali - deciza fil-31 ta' Ottubru 2013.

*jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, "*id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac - cirkostanzi kollha tal- kaz*."

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kumpilazzjoni ta' dawn il-proceduri d-dubji a rigward l-attendibilità tal-verzjoni tal-minuri bdiet sa mill-prezentata tal-atti tal-Inkjesta quddiem il-Magistrat Josette Demicoli fejn l-esperti Dr Joseph Cassar u Dr Carmen Sammut fix-xhieda taghhom jghidu s-segwenti[15]:

[15] Folio 140 et seq.

*"-Omissis- qalet illi kellha xi tmienja (8) meta indunat li qed taghmel xi haga hazina.*

*. . .*

*Hekk hu u z-zghira qalet illi ta' hdaz-il (11) sena. Issa ta' hdax-il sena normalment inti tkun hafna qabel hdax-il (11) sena illi dak li kien qed issir bil-livell li kien qed issir kien hazin, dik ukoll. Jigifieri ahna kellna dawk iz-zewg premuri illi hasbuna u xtaqna nigbdu l-attenzjoni tal-Qorti fuqhom, l-izvilupp morali u l-fatt tal-bibien. . . . Imma li kien hemm illi f'dar bhal din bla bibien, kien hemm dawk in-nies kollha u dan l-abbuz sar repetutament minghajr hadd inserta jghaddi, ma ninsewx illi t-tieni wahda, iz-zghira indunat u bdiet tidhol fl-abbuz meta hija kienet miexja fil-kuritur u rat lil ohtha. Allura hi inzertat u mill-familja kollha, dan mhux wiehed biss kien Sinjura Magistrat kien hemm diversi nies fil-familja kollha bla bibien qatt hadd ghal dawn is-snin kollha possibbli qatt hadd ma ghadda minn quddiem il-kuritur u ra xi haga. . . .*

*Specjalment tal-eta' taghhom Sinjura Magistrat u ma ninsewx illi n-nannu kien ikun jara t-television f'kamra vicin hafna. Jigifieri jekk l-ohrajn kienu jkunu fil-kcina kif qalulna t-tfal in-nannu kien ikun jara t-television f'kamra vicin. Ghalhekk dahlilna dan is-suspett ahna."*

Illi xi haga sorprendenti hi li jekk wiehed janalizza x-xhieda tal-minuri *per se* ma jemergi xejn suspettuz minnhom però meta analizzati mal-provi ohra li ngabu flimkien mal-post fejn allegatament graw dawn l-avvenimenti, dawn it-testimonjanza jiehdu xghira differenti.

L-ewwel punt ta' suspett kien il-fatt meta l-minuri -Omissis- xehdet meta rat dawn l-atti jsiru fil-konfront ta' ohtha -Omissis-. Din tghid illi kienet ghaddejja mill-kuritur fejn l-imputat kien mindud u ma setax jaraha u probabbilment kienet ratha ohtha thares. Jekk din il-verzjoni hija kredibbli, kif allura seta' l-imputat joqghod b'tali mod illi jekk persuni ohra jkunu ghaddejjin bhal -Omissis- u jaraw din ix-xena huwa ma jkunx jista' jarahom? U kif allura -Omissis- biss qabdithom bi zball u mhux haddiehor ukoll fejn hareg car mit-testimonjanzi tal-minuri li kemm-il

darba kienu jghaddu membri tal-familja minn dak il-kuritur.

Fattur iehor li jallaccja mal-punt hawn fuq hu li omm il-minuri kkonfermat illi waqt li dawn kienu jkunu ghand ommha l--Omissis-, ta' sikwit kienet tohrog ghal xi qadi u bilfors kellha tghaddi mill-kuritur fejn hemm din il-kamra b'hekk li taghmilha aktar difficli ghall-imputat li jaghmel l-atti li l-minuri rrakkontaw konsiderando li dawn l-atti skont huma kienu jsiru ta' spiss tul il-gimgha.

L-aspett emottiv tal-minuri – Din hija xi haga ohra li preokkupat lil din il-Qorti ghaliex xejn mill-provi prodotti ma juri li kien hemm xi impatt emottiv fuq it-tfal. Ma gie riskontrat l-ebda sinjal ta' dwejjaq mill-esperti nominati u lanqas xi sintomu ta' psikozi b'deluzjonijiet. Mix-xhieda tal-mamà tal-minuri hareg illi din qatt ma ntebhet b'xi haga li setghu kienu qeghdin jesperjenzaw il-minuri u anke l-iskola kienu baqghu ghaddejjin normali. Illi x-xhieda kollha min-naha tal-Victims Support lanqas ma rriskontraw xi problema fl-emozzjonijiet taghhom hlief ghal -Omissis- li kellha xi problemi ta' ansjetà u panic attacks wara li din tkellmet[16] izda mhux qabel. Inoltre' dawn qatt ma dahlu jew almenu ma xehdux fuq l-ambjent familjari tal-minuri

[16] Folio 153.

partikolarment minhabba l-fatt illi l-genituri taghhom ma baqghux flimkien *presso poco* fil-perjodu wara li allegatament graw dawn l-avvenimenti. Seta' dan il-fattur ikkontribwixxa sabiex il-minuri jirrakkontaw li kienu qeghdin jigu abbuzati?

Anke jekk wiehed jara kif dawn iddecidew li jirrakkontaw kollox tohloq certu dubji u dan hareg ukoll mit-testimonjanza tal-esperti [17] fejn jghidu s-segwenti:

> *"Let's talk about re-experiencing jista' jaghti l-kaz illi jkollok re-experience imma normalment fl-experjenza tieghi when you re-experience it has to be something factual, perezempju jien kelli kaz ta' minuri illi kienet abbuzata meta kellha eight (8) years imbaghad raqdet is-sitwazzjoni u l-ewwel darba li kellha intercourse allura qabadha re-experiencing, that it factual, because that in itself you can re-experience around intercourse. Imma when you actually see television tisma' l-inews fuq abbuz kien meta raw din tal-qassisin ta' Ghawdex. I mean there must have been other times that they thought about it.*

[17] Folio 143.

*Biex jitkellmu qallu hekk, biex jitkellmu wara li raw dan. Ifhimni jekk kien hemm inkonsistenza, huma min-naha qed jghidu, iz-zghira qed tghid illi ma ndunatx qabel eleven (11), twelve (12) illi din hija hazina, meta qalet meta ratu ta' erba' (4) snin hadet shock, jigifieri jekk inti ma tafx li din hazina mela ghalfejn hadt shock, you know. Imma baqghet tghid le ma ndunajtx. Fl-istess hin kien hemm din il-kelma li qabzitilha li qalet hadt shock kif rajthom imbaghad ghajtilha u dahlet fil x'jismu. Jista' jkun li tkun anke guilt min-naha taghhom."*

Fattur iehor li jnaqqas il-kredibbilità tal-verzjoni tal-minuri kien il-fatt li -Omissis- ghazlet li tirrakkonta minn xiex allegatament ghaddiet minnu lil omm habiba taghha li hija xi haga verament stramba li ma qalitx lil ommha li din tiddeskrivi li kellha relazzjoni tajba hafna maghha u kienet tghidilha kollox. Wara kollox il-fatti ma kinux jirrelataw membru tal-familja taghha fejn forsi kien ikollha raguni ghalxiex ma tghid lil hadd mill-familjari taghha, izda kien jinvolvi xi hadd li kien fil-qrib mal-familja taghha li llum il-gurnata ma kienx ghadu jifforma parti minnha. Illi anke meta -Omissis- tirrakkonta meta din qalet lill-habiba taghha -Omissis-, din tghid illi -Omissis- sabitha fit-toilet tal-iskola fejn kienet qieghda tikbi meta ghall-kuntrarju -

Omissis- tixhed illi -Omissis- ma kinitx qieghda tikbi izda kienet biss daqsxejn imdejqa “ftit down”.

Il-Qorti rat ukoll iz-zewg dokumenti a folio 404 sa 406 u tifhem li dawn huma zewg noti miktubin mill-minuri -Omissis- u -Omissis- li gew ipprezentati mill-esperti nominati fl-inkjesta u li jirrakkontaw x’gara f’dik ir-residenza.

Illi finalment il-Qorti hija perplessa kif intuzat il-kelma “fawwarhielha” mill-imputat fuq tfal ta’ erba’ (4) jew hames (5) snin li ovvjament tfal ta’ dik l-età mhumiex konxji tat-tifsira doppja ta’ din il-kelma u l-Qorti hija aktar propensa li din il-kelma qatt ma ntuzat mill-imputat izda hija kelma li probabbilment tintuza minn zaghzagh tal-età li fiha qeghdin il-minuri prezentement.

Illi ghal dawn il-fatturi kollha din il-Qorti ma tistax tkun konvinta moralment li l-fatti kontemplati verament sehhew hekk kif irrakkuntawhom il-minuri u ghalhekk ma tistax issib htija fuq l-akkuzi kollha kif dedotti. Il-Qorti trid tippreciza illi gialadarba mhijiex konxja minn fejn originat din l-istorja ma tistax tikkolpevolizza lil xi hadd mill-protagonisti però jekk hu l-kaz illi din kienet storja vvintata mill-minuri ma tistax tikkundannahom izda biss tawgura li

l-genituri taghhom u l-persuni li qeghdin jiehdu hsieb il-hajja mentali taghhom jiehdu hsieb il-benessere taghhom.

**Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kwindi tilliberah minn kull osservanza u piena.**

**________________________________________**
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**